

Brussell, 13 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12714/23

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
2022/0392(COD)  
2022/0391(COD)

---

PI 133  
COMPET 840  
MI 718  
IND 450  
IA 213  
CODEC 1543

## NOTA

---

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	12183/23 + ADD 1 + ADD 2 15400/22 + ADD 1-5, 15390/22 + ADD 1-5
Suġġett:	Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinji: (a) Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-protezzjoni legali tad-disinji (riformulazzjoni) (b) Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 dwar id-disinji Komunitarji u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2246/2002 - Approċċ ġenerali

---

## I. INTRODUZZJONI

- Fl-10 ta' Novembru 2020, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar *il-Politika dwar il-Proprietà Intellettwali u r-reviżjoni tas-sistema tad-disinji industrijali fl-Unjoni* li appellaw lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti "biex jiġu mmodernizzati s-sistemi ta' protezzjoni tad-disinji tal-UE u biex il-protezzjoni tad-disinji ssir aktar attraenti għal disinjaturi u negozji individwali, speċjalment għall-SMEs"<sup>1</sup>. Din is-sejħa ġiet imsaħħa mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Dok. 12750/20, p. 8.

<sup>2</sup> 2021/2007/INI.

2. Id-drittijiet tad-disinn industrijali jipproteġu d-dehra ta' prodott. L-appell viżiv maħluq minn disinn huwa wieħed mill-fatturi ewlenin li jinfluwenzaw l-għażla tal-konsumatur li jippreferi prodott fuq ieħor. Għaldaqstant, prodotti ddisinjati tajjeb jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv importanti għall-produtturi. L-industriji intensivi fid-disinn jirrappreżentaw kważi 16% tal-PDG u 14% tal-impjiegi kollha fl-Unjoni.
3. Fit-28 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ppubblikat pakkett leġislattiv biex timmodernizza s-sistema tal-UE ta' 20 sena ta' protezzjoni tad-disinji. Din l-inizjattiva hija waħda mill-elementi ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Proprietà Intellettuali tal-Kummissjoni tal-2020<sup>3</sup>.
4. Il-pakkett leġislattiv jinkludi l-proposti msemmija hawn fuq għal Direttiva dwar il-protezzjoni legali tad-disinji (riformulazzjoni tad-Direttiva 98/71/KE)<sup>4</sup> u għal Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 dwar id-disinji Komunitarji<sup>5</sup>. Id-Direttiva proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), filwaqt li r-Regolament propost huwa bbażat fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 118 TFUE.
5. Ir-reviżjoni proposta għandha l-għan li tiżgura suq intern għad-disinji li jiffunzjona tajjeb għall-benefiċċju tat-tkabbir fl-Unjoni, filwaqt li tippromwovi l-kompetittività tan-negozji u tqis bis-sħiħ l-interessi tal-konsumaturi. Tfittex li thegġegħ l-innovazzjoni billi tagħmel l-*acquis* tad-disinji tal-UE adattat għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, u għandha l-għan li tagħmel is-sistema ta' protezzjoni tad-disinji aktar aċċessibbli u effiċjenti, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u d-disinjaturi individwali.
6. B'dan il-ħsieb, il-pakkett jissimplifika u jimmodernizza l-proċeduri ta' reġistrazzjoni, u jiċċara s-suġġett, id-definizzjonijiet u l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet u l-limitazzjonijiet, b'mod partikolari, bil-ħsieb li jispeċifika aktar il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni fl-ambjent diġitali, bħal interfaċċi jew ikoni grafiċi diġitali tal-utent, u li jitneħħew id-dubji fir-rigward tad-drittijiet tad-disinn fil-kuntest tal-istampar 3D.

---

<sup>3</sup> Dok. 13354/20.

<sup>4</sup> Dok. 15400/22.

<sup>5</sup> Dok. 15390/22.

7. F'konformità mar-riforma b'suċċess tat-trademarks tal-2017, ir-reviżjoni tipprevedi wkoll armonizzazzjoni sostantiva u proċedurali ġdida u ulterjuri fil-qasam tal-protezzjoni tad-disinji fil-livell nazzjonali.
8. Fil-kuntest ta' tali armonizzazzjoni ulterjuri, ir-reviżjoni għandha l-għan, b'mod partikolari, li tikkompleta s-suq intern għall-ispare parts tat-tiswija billi tintroduċi "klawżola dwar it-tiswija" fid-Direttiva dwar id-Disinji. Għall-koerenza, hija tallinja l-klawżola dwar it-tiswija li diġà kienet tinsab fir-Regolament dwar id-Disinji tal-2002 mal-klawżola l-ġdida dwar it-tiswija tad-Direttiva dwar id-Disinji riveduta.
9. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni dwar il-proposti fit-22 ta' Marzu 2023<sup>6</sup>.
10. Fil-Parlament Ewropew, il-ħidma fil-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) miexja sew. Il-Parlament huwa mistenni jadotta r-rapport tiegħu fil-bidu ta' Novembru 2023.

## **II. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL**

11. L-eżami tal-pakkett fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Proprietà Intellettwali beda fid-19 ta' Diċembru 2022 taħt il-Presidenza Ċeka, u bl-istess mod inġhata prijorità mill-Presidenza Żvediża u dik Spanjola, bl-objettiv li jintlaħaq Approċċ Ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill (Kompetittività) fil-25 ta' Settembru 2023.
12. Il-Grupp ta' Ħidma ddiskuta l-proposti f'10 laqgħat, li matulhom iddelibera dwar tliet testi ta' kompromess tal-Presidenza dwar l-abbozz ta' Regolament u erba' testi ta' kompromess tal-Presidenza dwar l-abbozz ta' Direttiva. Il-valutazzjoni tal-impatt konġunta li takkumpanja l-proposti ġiet eżaminata f'żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma, fid-19 ta' Diċembru 2022 u fl-10 u l-11 ta' Jannar 2023. Id-delegazzjonijiet laqgħu b'mod ġenerali ż-żewġ proposti u l-għanijiet tagħhom, kif ukoll il-metodi u l-kriterji, u l-għażliet ta' politika ppreferuti stabbiliti fil-valutazzjoni tal-impatt.

---

<sup>6</sup> Dok. 7835/23.

13. Fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Settembru 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) approva testi ta' kompromess dwar l-abbozz ta' Direttiva u Regolament<sup>7</sup>, u qabel li jibgħathom lill-Kunsill (Kompetittività) tal-25 ta' Settembru 2023 għall-approvazzjoni ta' approçċ ġenerali dwar dawn it-testi ta' kompromess.
14. It-testi ta' kompromess, kif jinsabu fid-dokumenti ADD 1 u ADD 2 ta' din in-Nota, jirriflettu l-isforzi tal-Presidenza u tal-Istati Membri biex jintlaħaq bilanç adatt bejn il-pożizzjonijiet differenti tad-delegazzjonijiet, filwaqt li jinżammu l-oġġettivi msemmija hawn fuq tal-proposta tal-Kummissjoni.

### **III. ELEMENTI EWLENIN TAL-PAKKETT TA' KOMPROMESS**

#### ***i) Definizzjoni ta' "disinn" u "prodott"***

15. Il-modernizzazzjoni ssuġġerita tad-definizzjonijiet ta' "disinn" u "prodott" (fl-Artikolu 2 tad-Direttiva u l-Artikolu 3 tar-Regolament), li għandhom l-għan li jagħmlu d-definizzjonijiet u l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u tar-Regolament adatti għat-tranżizzjoni diġitali, intlaqgħet b'mod ġenerali. Madankollu, biex id-definizzjonijiet isiru aktar validi għall-futur, ġew introdotti xi adattamenti fit-terminoloġija fit-testi ta' kompromess tal-Presidenza (eż. "diġitali" ġiet sostitwita b'"mhux fiżiċi").

#### ***ii) Klawżola dwar it-tiswija***

16. Id-diskussjonijiet dwar l-armonizzazzjoni tal-protezzjoni tad-disinji għall-ispere parts ilhom għaddejjin għal aktar minn 20 sena, mingħajr ma ntlaħaq ftehim, li jfisser li x-xenarju leġiżlattiv dwar din il-kwistjoni baqa' frammentat.

---

<sup>7</sup> Dok. 12183/23 ADD 1 u ADD 2.

17. Il-klawżola dwar it-tiswija, proposta mill-Kummissjoni biex tiġi introdotta fl-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar id-Disinji, tippermetti lill-manifatturi jipproduċu partijiet komponenti protetti tad-disinn ta' prodotti kumplessi li huma meħtieġa għat-tiswija ta' tali prodotti. Il-klawżola dwar it-tiswija proposta hija limitata għall-ispare parts "must match" dipendenti fuq il-forma ta' prodotti kumplessi; din tkun applika għad-disinji futuri kollha u tipprevedi perjodu tranżitorju ta' 10 snin biex tiġi ssalvagwardjata l-protezzjoni tad-drittijiet tad-disinn eżistenti.
18. Dan l-approċċ ta' "triq tan-nofs", ibbażat fuq bosta snin ta' konsultazzjonijiet komprensivi u xogħol preparatorju, tqies mill-Kummissjoni li jikkostitwixxi bilanċ bejn l-oġettivi tal-liberalizzazzjoni tas-suq u l-interessi tal-konsumatur u tan-negozju involuti. Għall-allinjament bejn id-Direttiva u r-Regolament, il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola dwar it-tiswija fl-Artikolu 20a tar-Regolament ser jiġi ċċarat u jinġieb kompletament konformi mal-klawżola l-għdida dwar it-tiswija fid-Direttiva.
19. Wara diskussjonijiet dettaljati fil-Grupp ta' Ħidma, it-test ta' kompromess tal-Presidenza jaċċetta l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, b'ħafna delegazzjonijiet jikkunsidraw li din is-soluzzjoni tikseb il-kompromess adatt bejn il-fehmiet differenti espressi, kemm fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-liberalizzazzjoni kif ukoll tat-tul tal-perjodu tranżitorju. Id-diskussjonijiet urew li dan il-kompromess jikkostitwixxi bilanċ delikat u fraġli ħafna bejn l-interessi involuti; u kwalunkwe bidla, f'direzzjoni waħda jew l-oħra, taqşam linja ħamra ta' grupp wieħed jew l-ieħor ta' delegazzjonijiet tal-istess fehma, b'implikazzjonijiet possibbli fuq il-kisba ta' maġġoranza kwalifikata.

**iii) Raġunijiet għan-nuqqas tal-kapaċità tar-reġistrazzjoni**

20. Il-proposta biex l-eżami tal-applikazzjonijiet tad-disinn madwar l-UE jkun soġġett għall-istess raġunijiet limitati għan-nuqqas ta' registrabbiltà ntlagħhet mid-delegazzjonijiet. Minkejja dan, dawn ir-raġunijiet ġew kemxejn aġġustati, biex jakkomodaw it-talbiet tad-delegazzjonijiet li kwalunkwe użu mhux xieraq ta' oġġetti koperti mill-Artikolu 6b tal-Konvenzjoni ta' Pariġi jew ta' badges jew emblemi oħra ta' interess nazzjonali, jew ta' elementi li jappartjenu għall-wirt kulturali ta' interess nazzjonali, jista' jitqies ukoll f'dan il-kuntest (l-Artikolu 13 tad-Direttiva, l-Artikoli 25 u 47 tar-Regolament).

**iv) Proċeduri amministrattivi ta' invalidità**

21. Il-proposta tal-Kummissjoni tissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' proċeduri amministrattivi obligatorji ta' invalidità anke fil-qasam tad-disinji, peress li dawn ġew introdotti għat-trademarks bid-Direttiva (UE) 2015/2436. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw, madankollu, li obbligu li jiġu stabbiliti tali proċeduri obligatorji għad-disinji jkun sproporzjonat u mhux ġustifikat mill-ħtiġijiet attwali. Ġibdu l-attenzjoni għan-numru baxx ta' proċeduri ta' invalidità, b'mod partikolari fid-dawl tal-perjodu ta' validità limitat għad-disinji, u għall-fatt li l-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' invalidità jkunu marbuta ma' kwistjonijiet ta' drittijiet tal-awtur jew kompetizzjoni inġusta, li fi kwalunkwe każ ikollhom jiġu ttrattati mill-qrati.
22. Sabiex tingħata l-flessibbiltà meħtieġa li tippermetti lill-Istati Membri jorganizzaw proċeduri nazzjonali bl-aktar mod effiċjenti u ma jwasslux għal piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa, it-test ta' kompromess tal-Presidenza dwar l-Artikolu 31 tad-Direttiva għalhekk jissuġġerixxi li l-proċeduri amministrattivi ta' invalidità jiġu introdotti bħala dispożizzjoni mhux obligatorja (jiġifieri bħala klawżola "fakultattiva").

v) *Tariffi*

23. Il-proposta tal-Kummissjoni ssuġġeriet is-simplifikazzjoni tat-tariffi applikabbli skont ir-Regolament dwar id-Disinji (Anness I) u, f'dak il-kuntest, ipproponiet li jitnaqqas il-livell ta' ċerti tariffi u jitneħħa r-rekwiżit tal-"unità tal-klassi" għal applikazzjonijiet multipli, sabiex aktar applikanti jkunu jistgħu jibbenefikaw minn skontijiet fuq il-kwantità.
24. Fid-diskussjonijiet tal-istruttura tat-tariffi, kien ta' importanza kbira għad-delegazzjonijiet li tkompli tiġi żgurata l-koeżistenza vijabbli tas-sistemi ta' protezzjoni tad-disinji nazzjonali u tal-UE u li tiġi evitata kompetizzjoni mhux xierqa bejn it-tariffi għall-protezzjoni tad-disinji fil-livell tal-Unjoni u l-protezzjoni fil-livell nazzjonali.
25. F'dan il-kuntest, id-delegazzjonijiet enfasizzaw li r-reġistrazzjoni ta' disinn nazzjonali, b'firxa nazzjonali biss, għandha tkompli tkun konsiderevolment inqas għalja mir-reġistrazzjoni ta' disinn tal-UE, u li t-tariffi fil-livell tal-UE ma għandhomx ikunu komparabbli ma' tariffi fil-livell nazzjonali. L-iffissar tat-tariffi għal disinn tal-UE f'livell ekwivalenti għal tariffi għal disinn nazzjonali ma jirriflettix b'mod adegwat il-valur relattiv akbar tad-disinn tal-UE, u jpoġġi f'riskju l-bilanċ xieraq bejn is-sistemi ta' protezzjoni tad-disinji tal-UE u dawk nazzjonali.
26. Barra minn hekk, kien ta' importanza kbira għad-delegazzjonijiet li tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), b'mod partikolari fid-dawl ta' kompiti ġodda assenjati lill-EUIPO. Barra minn hekk, fid-dawl tal-livelli għoljin reċenti ta' inflazzjoni, biex jibqgħu validi fil-futur, id-delegazzjonijiet enfasizzaw bil-qawwa li għandha tiġi eżerċitata kawtela partikolari fir-reviżjoni tal-livell tat-tariffi, u li l-ammont ta' dawn it-tariffi pjuttost ma għandux jitnaqqas f'dan il-mument.
27. Il-kompromess tal-Presidenza dwar il-livell tat-tariffi, kif jinsab fl-Anness I tal-abbozz ta' Regolament, jieħu kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u jfittex li jakkomodahom b'mod bilanċjat.

*vi) Traspożizzjoni tad-Direttiva*

28. Rigward il-perjodu propost ta' 24 xahar għat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali, id-delegazzjonijiet enfasizzaw b'mod ġenerali l-ħtieġa għal perjodu itwal. Fit-test ta' kompromess, il-perjodu ta' traspożizzjoni fl-Artikolu 36 tad-Direttiva ġie estiż għal 36 xahar.

*vii) Kwistjonijiet oħrajn*

29. Kwistjonijiet oħra ta' natura aktar teknika relatati mal-punti li ġejjin:

- Ir-rekwiżit tar-rappreżentazzjoni tad-disinn fl-applikazzjoni u r-rabta tiegħu mad-data tal-infilzar (l-Artikoli 26 u 28 tad-Direttiva, l-Artikolu 36 tar-Regolament);
- Differiment tal-pubblikazzjoni (l-Artikolu 30 tad-Direttiva);
- Il-prinċipju tal-kumulazzjoni tad-disinn u tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur (l-Artikolu 23 tad-Direttiva, l-Artikolu 96 tar-Regolament).

Il-kompromessi rispettivi dwar dawn id-dispożizzjonijiet jinsabu fit-testi ta' kompromess li jinsabu f'ADD 1 u ADD 2.

**IV. KONKLUŻJONI**

30. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill (Kompetittività) huwa mistieden, fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Settembru 2023, biex jaqbel dwar approċċ ġenerali rigward it-testi mniżżlin fid-dokumenti ADD 1 u ADD 2 għal din in-Nota, u biex jagħti mandat lill-Presidenza biex tidħol f'negozjati mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim fl-ewwel qari.